MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 500/2004

**CATHERINE ABDILLA**
**VS**
**CARMEL ABDILLA**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-kontendenti huma *de iure* separati u dan b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Dicembru 1996 (Citaz. Nru. 268/91 FD), liema sentenza giet sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 1999 u liema zewg sentenzi jinsabu hawn

annessi u mmarkati bhala Dok ‘A’ u Dok’ B’ rispettivament;

U Peress illi ghal dak li jikkoncerna l-uzu u l-abitazzjoni tad-dar matrimonjali l-Ewwel Qorti *(a fol.11)* akkordat dan id-dritt lil konvenut Carmel Abdilla, b’dan illi jekk ma juzax l-imsemmija dar matrimonjali ghall-uzu esklussiv tieghu u ta’ l-ulied minuri tal-kontendenti huwa jitlef l-istess dritt;

U Peress illi l-Qorti ta’ l-Appell filwaqt illi ikkonfermat din il-parti tas-sentenza ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi tali dritt ta’ uzu u abitazzjoni tal-konvenut ghandu jigi fi tmiemu hekk kif l-ulied minuri, Mark u Yanika, jaghlqu l-wiehed u ghoxrin (21) sena ;jew sakemm dawn definittivament ihallu d-dar konjugali u jmorru jghixu ghar-rashom, liema eventwalita’ tavvera ruhha l-ewwel *(a fol. 16)* u in effetti illum l-ulied ghalqu l-wiehed u ghoxrin (21) sena;

U Peress illi l-Qorti ordnat ukoll li l-propjeta’ ghandha tibqa’ in komuni u tinbiegh biss jekk il-konvenut ma juzax id-dar esklussivament ghalih jew sakemm l-ulied ma jaghlqux il-wiehed u ghoxrin (21) sena u in effetti l-konvenut qed jghix ma’ terza persuna fl-istess dar u ghalhekk tilef ukoll id-dritt konferit lilu kif hawn spjegat;

U Peress illi l-attrici ma tridx tibqa’ tippossedi l-fond in komuni mal-konvenut, liema fond m’huwiex komodament divizibbli;

U Peress illi l-konvenut Carmel Abdilla ma jridx jersaq bonarjament ghall-bejgh tad-dar komuni u cioe’ tal-fond numru 50, YanMark House, Triq ix-Xitwa, Qormi;

Jghid il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhix:

1. Tiddikjara illi d-dritt t’abitazzjoni konferit lill-konvenut illum spicca u li ghalhekk ukoll l-istess fond jista’ jinbiegh;

2. Tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-fond 50, YanMark House, Triq ix-Xitwa, Qormi;

3. Tordna l-introjtu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol.3 tal-process:

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Rat id-degriet a fol 53;

Semghet lill attrici bil-gurament;

Rat ir-relazzjoni tal-perit Joseph Ellul Vincenti;

Peress illi jidher li t-talba attrici hija gustifikata u ghalhekk ghandha tigi milqugha;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara illi d-dritt t’abitazzjoni konferit lill-konvenut illum spicca u ghalhekk ukoll l-istess fond ghandhu jinbiegh;
Tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-fond 50, YanMark House, Triq ix-Xitwa, Qormi;
Tordna l-introjtu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;
Spejjez ghal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------